**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

Data tal-laqgħa: 30 ta' Settembru, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:35p.m. billi ntqalet it-talba.

## 31/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**31/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-enda ittra t'apoloġija u għal din ir-raġuni kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 31/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**31/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 29 li nżammet nhar il-Ħamis 14 t'Awwissu 2025 u minuti tas-seduta numru 30 li nżammet b'urġenza nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru, kienu meħuda bħala moqrija.

**31/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

**31/02/03** F'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur, is-Sindku skużat ruħha talli l-laqgħa kellha tibda ftit minuti tard mill-ħin skedat minħabba problemi tekniċi fil-*live streaming* u talbet lill-Kunsilliera jimxu għal punt 31.5 sabiex jiġu ppreżentati u diskussa r-rapporti finanzjarja għas-sena 2024.

## 31.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

**31/05/01** Fuq approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti, is-Sindku sejħet lill-Accountants tal-Kunsill, lis-Sa Maria Deguara u lis-Sur Mario Galea, sabiex jgħatu spjegazzjoni aħjar fuq ir-rapporti li kienu qed jiġu mressqa f'din il-laqgħa.

**31/05/02** Is-Sa Meli infurmat li l-Kunsill kien irċieva dawn ir-rapporti aktar kmieni dakinhar ta' din il-laqgħa u ġew iċċirkulati lill-Kunsilliera kollha mill-ewwel. Peress li ħadd ma kellu ċans biżżejjed biex jara dawn ir-rapporti qabel il-laqgħa, is-Sa Meli bi qbil mal-Kunsilliera talbu lill-accountants jgħatu spjegazzjoni dettaljata.

**31/05/03** Is-Sa Deguara spjegat kif sa tmiem is-sena 2024 kien hemm telf ta' €71,000 u spjegat kif ħafna mill-ispejjeż kienu relatati ma' xogħolijiet ta' tiswija li kellhom isir fil-lokal.

**31/05/04** Is-Sa Gauci irrimarkat kif dawn l-ispejjeż imsemmija kienu kollha spejjeż li kienu ta' bżonn.

**31/05/05** Is-Sa Francesca Attard staqsiet dwar il-*liabilities* u *trade payables.*

**31/05/06** Is-Sa Deguara spjegat kif dawk kienu lista ta' kredituri li kienu għadhom ma tħalsux sa tmiem is-sena 2024.

**3105/07** IS-Sa Meli fakret li l-Kunsill kien għamel *outreach* lill-kredituri u kulħadd seta jikkonferma l-bilanċi li kien hemm pendenti mal-Kunsill.

**31/05/08** Is-Sa Deguara ikkonfermat li l-ispiża ta' €71,000 kienet żdiedet madwar €50,000 oħra f'deficit.

**31/05/09** Is-Sa Gauci tenniet li dawn kienu kollha spejjeż li kellhom isiru mill-Kunsill.

**31/05/10** Is-Sa Deguara kompliet tispjega kif dawn ir-rapporti jridu jiġu awditjati minn Grant Thornton sabiex minn jinħareġ rapport dwar dawn il-finanzi.Hi fakkret li l-kumpanija ta l-accountants ma kienux għadhom responsabbli mill-finanzi ta' l-2024 u allura kellhom jimxu mal-fornituri li kien hemm.

**31/05/11** Is-Sa Deguara spjegat dwar ir-*revenue* li huwa dħul li l-Kunsill ikollu bħall-allokazzjoni finanzjarja u skemi finanzjarji. Hi semmiet ukoll dħul ieħor li kien sar ħabba li kienet saret *health care* fil-lokalità. Hi spjegat l-ispejjeż kbar, fosthom il-ħlas lill-kuntrattur tal-ġbir tal-*household waste.*

**31/05/12** Is-Sa Meli infurmat kif bis-saħħa ta' l-*outreach* li kien sar bħala Kunsill lill-kredituri, il-Kunsill illum jinsab f'pożizzjoni aħjar dwar l-ispejjeż li huma dovuti u b'hekk għandu stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja. Hi qalet kif is-sitwazzjoni ma tidhirx waħda sabieħa pero ser tkun qed tara, flimkien ma' l-awdituri, li dawn l-ammonti jiġi spjegati peress li s-sitwazzjoni hija waħda inkwetanti.

**31/05/13** Is-Sa Meli fakkret li dawn ir-rapporti finanzjarja li kienu qedin jiġi ppreżentati f'din il-laqgħa għall-approvazzjoni kienu saru taħt l-amministrazzjoni preċedenti u nfurmat kif taħt l-

amministrazzjoni l-ġdida flimkien mad-DSE u anke l-accountants, dan il-Kunsill ħadem qatiegħ sabiex nibdew pedemant fil-qiegħ biex jsir l-*outreach* tal-kredituri li kien hemm minħabba l-fatt, kif kien ġa spjegat fil-bidu, li bdew ġejjin kredituri l-Kunsill li ħadd ma kien jaf bihom. Hi kompliet tgħid kif hi temmen li persuna tkun kredibli jekk tagħlaq il-finanzi kif suppost biex b'hekk il-Kunsill ikun qed jgħati stampa ċara.

**31/05/14** Is-Sa Gauci fakret ukoll kif l-accountant li l-Kunsill kellu qabel kien sfortunatament marad u mied matul is-sena preċedenti u l-Kunsill kien sab ruħu f'din is-sitwazzjoni kif ukoll xhur ta stennija dwar is-Segretarju Eżekuttiv matul iss-ena li għaddiet li kienet qed tistenna biex tiġi trasferit għal post ieħor.

**31/05/15** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif dan il-Kunsill Lokali dejjem kellu Segretarju Eżekuttiv preżenti u qatt ma ħadem mingħajr Segretarju Eżekuttiv biex eventwalment anke kien hawn DSE. Hi qalet ukoll kif il-kuntratt li l-Kunsill kellu għas-servizz ta' Accountant kien ilu magħluq kif kienet inġibdet l-attenzjoni diversi drabi fil-passat meta kien għad hemm is-SE preċedenti u kif hi kienet talbet sabiex immedjatament il-Kunsill joħroġ sejħa għal dan is-servizz.

**31/05/16** Is-Sa Marilena Galea xtaqet lill-accountant tikkonferma liema kienu l-ikbar spejjeż li kienu saru mill-Kunsill matul is-sena 2024. Hi semmiet li mill-lista kien jidher li kienu *repairs and upkeep, cleaning and maintenance, and waste disposal* u *hospitality costs*, li kien jidher biċ-ċar li kienu kollha flejjes li jintnefqu għall-lokalità.

**31/05/17** Is-Sa Maria Deguara ikkonfermat dak li kienet qalet is-Sa Galea.

**31/05/18** Is-Sa Meli tenniet li l-awditjar ser ikun qed jgħati stampa aħjar dwar dak li kien ġara.

**31/05/19** ID-DSE infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif ir-rapporti mressqa f'din il-laqgħa hemm bżonn li jkunu approvati peress li kien hemm *deadline* importanti man-NAO. Hi infurmat kif kopja ta' dawn ir-rapporti ser ikunu qed jintbagħtu lill-NAO, lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali u lill-awdituri.

**31/05/20** Id-DSE ġibdet l-attenzjoni dwar il-laqgħa li bdew jirreferu għaliha l-accountants u spjegat kif din il-laqgħa kienet inżammet lejliet il-laqgħa tal-Kunsill hekk kif kienu għadhom kemm intbagħtu dawn ir-rapporti mill-accountants sabiex jgħatu spjegazzjoni dwar dak li kien għadhom kif preparaw. Hi qalet ukoll kif hemm pjan sabiex il-kumplament tar-rapporti jiġu ppreżentati fil-laqgħat li ġejjin sa tmiem din is-sena.

**31/05/21** Peress li ma kienx hemm aktar mistqosijiet mill-Kunsilliera preżenti, is-Sindku talbet sabiex dawn ir-rapporti jiġu approvati.

**31/05/22** Dawn ir-rapporti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsilliera preżenti.

**31/05/23** Is-Sindku irringrazzjat lill-Accountants talli kienu preżenti u sostniet mill-ġdid sabiex naraw li flimkien ir-rapporti finanzjarji għas-sena 2025 jibdew jiġu ppreżentati mill-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss.

**31/05/24** Is-Sinduku infurmat li kienet ser tkompli bl-aġenda oriġinali għal din il-laqgħa.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**31/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**31/03/01** Is-Sindku infurmat kif il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand Kumpanija Teatrali Dun Mikiel Xerri nhar is-Sibt 30 t'Awwissu 2025 dwar kummiedja soċjali bl-isem 'Min Jidħak l-Aħħar' li ser tinżamm nhar is-Sibt 11 t'Ottubru fis-6:30 ta' filghaxija u nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru fis-2:30pm ta' wara nofsinhar. Il-Prezz huwa ta' €8 kull persuna li jinkludi te u cake/jew sandwich. Hi infurmat li din il-kumpanija kienet qed titlob sabiex tiġi rriklamata.

**31/03/02** Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex din tiġi rriklamata fuq il-midja soċjali.

**31/03/03** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2025 hi kienet irċiviet komunikazzjoni mingħand is-Surgent Clayton Mangion dwar ir-rapport fuq il-ħsara li kien hemm mill-vandaliżmu li kien sar fi Ġnien il-Paċi, Għargħur.

**31/03/04** Is-Sindku qrat il-komunikazzjoni lill-Kunsilliera fejn il-Kunsill kien qed jiġi mitlub jgħati aġġornament fuq jekk dan ir-rapport antik jistax jingħalaq peress li ma kienu identifikaw lil ħadd li kien konness ma' dan il-vandaliżżmu.

**31/03/05** Is-Sindku infurmat kif hi kellha komunikazzjoni mill-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, dwar sponsorship sabiex tiġi rrestawrata *telephone box* li tinsab quddiem il-knisja. Hi żiedet tgħid kif bħala Kunsill kien ipprova jġib il-fondi Ewropeg mill-programm Leader imma dan ma setax isir minħabba li l-Kunsill ma kellux ir-rapporti finanzjarji tas-sena 2024 magħluqa. Hi fakkret li l-idea kienet li t-*telephone box* tiġi rrestawrata u tintuża bħala librerija miftuħa.

**31/03/06** Is-Sindku kompliet tispjega kif il-Kunsill talab kwotazzjoni aġġornata peress li l-kwotazzjoni li kellu kien leħaq għadda ż-żmien u kif din tkun għand il-Kunsill ser tkun qed tiġi mgħoddija lill-isponsor biex naraw jekk ikun komdu b'dan il-prezz finali. Is-Sa Meli staqsiet lis-Sa Gauci jekk xtaqietx iżżid il-kummenti tagħha dwar dan.

**31/03/07** Is-Sa Gauci spjegat kif il-persuna li jixtieq jisponsorja dan ix-xogħol ta' restawr jixtieq li l-ħlas jsir dirett lill-persuna li ser tkun qed tagħmel dan ix-xogħol ġaladarba jkun l-ewwel aċċetta l-kwotazzjoni kemm tkun peress li anke hi tifhem li l-prezz tal-materjal jaf ikun għola bi ftit.

**31/03/08** Is-Sindku qalet kif l-amministrazzjoni ser tkun qed tiċċekja jekk il-ħlas ikunx jistà jsir b'dan il-mod peress li t-*telephone box* hija propjeta tal-GO.

**31/03/09** Is-Sindku għamlet refereza għal *European Week of Sports 2025* kienet inżammet u fakkret lill-Kunsilliera kif nhar l-Erbgħa l-1 ta' Ottubru 2025 ser tkun qed tiġi ppreżentata s-somma miġbura b'risq Puttinu Cares.

**31/03/10** Għal dan il-għan is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda l-ispejjeż li kienu marbuta ma' din l-attività fejn l-ispejjeż involuta kienu ġew *sponsored.* Hi spjegat kif kien hemm ukoll żewġ ħlasijiet li saru lill-LIDL wara li fil-kien hemm kollaborazzjoni mat-tfal li jattendu l-Kunsill tat-tfal fejn għamlu *bake sale,* preparaw il-flyers u l-qliegħ kollu mar għal puttinu. Hi spjegat kif għal *bake sale* inxtraw xi affarijiet ta' l-ikel sabiex dawn setgħu jiġu ppreparati. Hi qalet li s-somma finali kienet ta' €1,448.22 u li kienu kollha *sponsored.*

**31/03/11** Is-Sindku għamlet refereza għall-aħħar laqgħa li hi kellha mal-Kunsill tat-tfal u kif f'din il-laqgha t-tfal preżenti kienu qed iressqu l-ideat tagħhom. Għal dan il-għan, hi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex meta dawn it-tfal jaqdu proposta, jgħażlu rappreżentant minn fosthom sabiex din il-proposta/i jiġu mressqa lill-Kunsill u b'hekk jibdew jesperjenzaw sens ta' *leadership* u jingħataw ċertu responsabilità.

**31/03/12** Is-Sindku bi pjaċir ħabret li l-EU Mobility Week Project li hi kienet applikat meta kienet għadha Minority Leader¸ l-applikazzjoni kienet ġiet milquha u nfurmat kif aktar tard matul dan ix-xahar il-Kunsill ser ikun qed jirċievi ċertifikat.

**31/03/13** Is-Sindku għamlet referenza għall-proġett li kienet ikkomunikat diġa dwaru fic-chat tal-Kunsill dwar is-SERV Programme ta' l-UE sabiex ikun hemm *town twinning*. Hi spjegat ukoll kif din il-komunikazzjoni kellha ssir informalment minħabba d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni. Hi spjegat kif il-programm kien jismu *Reconnecting Europe Communities Through Building Understanding Local Development.*

**31/03/14** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-EU Monility huwa *fully funded* u l-programm SERV jekk jiġi approvat, il-Kunsill irid jara li jkun maximum funded skond it-travelling u m'għandhiex tkun ta' problema.

**31/03/15** Is-Sa Meli infurmat kif il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni dwar il-European Waste Reduction Week u ppproponiet sabiex permezz ta' Private Public Partnership, fejn flimkien ma' l-FSWS u Dainty Vintage. Hi spjegat kif Dainty Vintage hija kumpanija lokali li għandu x'jaqsam mal-ħwejjeġ u spjegat kif l-idea hi li jkun hemm *workshops* kemm virtwali kif ukoll *physical* fejn juru kif wieħed jistà jirranġa ħwejjeġ li ġa għandu. Hi qalet ukoll kif il-materjal, bħal buttuni u ħajt, li jkun hemm bżonn ser ikun qed jinxtara minnhom, ikun hemm *tutorials* onlajn u wieħed jinżamm fis-sala tal-Kunsill.

**31/03/16** Is-Sa Meli kompliet tgħid kif jekk dan il-proġett jintbrebaħ, il-Kunsill jistà jirbaħ somma żgħira ta' flus li tmur għand il-Kunsill. Għal din ir-raġuni hi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill.

**31/03/17** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta.

**31/03/18** Is-Sindku għamlet referenza għall-EU Mobility Scheme u għal din ir-raġuni hi ppproponiet li tintuża t-*treasure hunt* li kienet inżammet mill-Kunsill ftit xhur ilu bħala bażi, titranġa b'tali mod li tkun aċċessibbli għal kulħadd u wieħed ikun qed jinkoraġġixxi l-mobilità madwar il-lokalità u fl-istess ħin, permezz tat-tabelli ġodda li ser ikunu mibdula fil-ġranet li ġejjin, tkun qed tippromwovi l-kultura tal-lokalità wkoll. Permezz ta' dan il-fond, hi spjegat kif dawn ikunu jistgħu jiġu utiliżżati billi jinxtara *merch*. Hi qalet ukoll kif l-idea li jiġi ngaġġat fotografu professjonali u permezz ta' dawn ix-xeni jkunu jistgħu jintużaw fuq *merch.*

**31/03/19** Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, offriet l-għajnuna tagħha pero talbet li tingħata lista ta' fejn jinstabu dawn it-tabelli informattivi.

**31/03/20** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif f'dan il-proġett jista jkun hemm ukoll filmati b'informazzjoni.

**31/03/21** Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

**31/03/22** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kif hi kienet ġiet avviċinata minn Lufthansa sabiex ħarġa edukattiva lit-tfal mill-lokalità sabiex jżuru l-binja tagħhom. Hi spjegat ukoll kif id-data proposta għal din il-ħarġu kienet għal nhar l-Erbgħa 5 ta' Novembru, filgħodu, peress li t-tfal ma jkollhomx skola. Is-Sa Meli qalet kif it-tfal ikunu mitluba jieħdu xi ħaġa x'jieklu magħhom.

**31/03/23** Il-Kunsilliera, is-Sa Marilena Galea, staqsiet jekk il-minuti kienux ġew approvata fil-bidu ta' din il-laqgħa.

**31/03/24** Is-Sindku infurmat li l-minuti kienu ġew approvati qabel ma kienu preżenti l-accountants fil-bidu tal-laqgħa skond l-aġenda.

**31/03/25** Is-Sa Marilena Galea infurmat li kien hemm żball fil-minuti numru 29 u qalet kif il-minuti ma jistawx jintbagħtu fl-aħħar ħin.

**31/03/26** Id-DSE infurmat li l-minuti li kienet qed tirreferi għalihom kienu miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, is-Sa Vassallo, u mhux minnha u żiedet tgħid ukoll kif il-minuti kienu ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha ġimgħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill flimkien ma' l-Aġenda. Hi infurmat ukoll kif qabel il-laqgħa kienet għaddiet kopja oħra fic-chat sabiex kulħadd ikollu kopja tagħhom.

**31/03/27** Is-Sindku talbet sabiex tlesti li kien għad baqa x'jintqal mill-komunikazzjoni tagħha bħala Sindku umbad naraw il-korezzjoni x'kienet eżatt.

**31/03/28** Is-Sindku infurmat kif aktar kmieni filgħodu ta' din il-laqgħa, il-Kunsill kien irċieva abbozz ta' ftehim għall-ħlas tas-self reltata mal-pagament tal-*boxing tournament* li kien inżamm fl-2024. Hi infurmat li dan il-ftehim ġie mgħoddi lill-avukat tal-Kunsill sabiex jivverifikah u jgħati l-opinjoni professjonali tiegħu.

**31/03/29** Is-Sindku infurmat ukoll kif il-Kunsill kien irċieva abbozz ta' ftehim mill-Università ta' Malta dwar l-istudju li jixtieq li jiġi ppreparat u kif dan kien ġie mgħoddi wkoll lill-avukat tal-Kunsill.

**31/03/30** Is-Sindku infurmat kif ix-xogħolijiet fi Triq il-Kbira kienu mixjin tajjeb.

**31/03/31** Is-Sindku għamlet referenza għall-każ ta' Semaphore Tower u qalet kif l-Awtorità ta' l-Artijiet kienu daħlu fuq dan il-każ ukoll. Hi infurmat kif nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru 2025 kien hemm ordni ta' infurzar biex joħroġ minn din il-binja. Hi spjegat kif il-persuna li qed jokkupa dan it-Torri kien preżenti u nforma li mhux ser jitlaq mill-binja peress li mgħandux post alternattiv u m'għandhux flus biex imur post ieħor. Hi qalet kif din ma kinitx problema tal-Kunsill u kif l-uffiċċjal ta' l-infurzar li kien preżenti għandhu jgħaddi rapport lid-Direttur u issa il-Kunsill qed jistenna tweġiba mingħand id-Direttur.

**31/03/32** Is-Sindku infurmat ukoll kif il-Perit tal-Kunsill għamel rapport tal-ħsarat li ġie ikkaġunat f'dan it-Torri u kif is-servizz tal-Perit qiegħed diġa inkluża fl-iskeda ta' ħlasijiet li ser tkun qed tiġi ppreżentata f'din il-laqgħa. Hi spjegat kif il-persuna li kienet qed tagħmel użu minn dan it-Torri kien waħħal xi arbli u affarijiet mal-ħitan. Hi infurmat li l-persuna li qed tokkupa dan it-Torri għamilha ċara li ma kienx lest li jħallas għal dawn il-ħsarat.

**31/03/33** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar mingħand kumpanija tas-sigurtà, C.A.M.C. Security Ltd. fejn kienet qed tappella lill-Kunsill sabiex iħallas is-somma €4,814.40. Hi fakret kif fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kif dan ma kienx ċerta għandux jinħareġ dan il-ħlas u jekk ikun hemm bżonn lesti li dan il-każ jinstema l-qorti għax mhumiex ċerti, likwidi u dovuti.

**31/03/34** Is-Sa Helen Gauci qalet kif is-servizz kien ingħata u kif il-Kunsill għandu jħallas.

**31/03/35** Is-Sa Meli qalet kif il-Kunsill ma jafx jekk is-servizz kellux jingħata jew le u nfurmat li l-avukat tal-Kunsill qiegħed diġa jaħdem fuq dan il-każ. Għal din ir-raġuni, is-Sa Meli qrat ir-risposta li kien ipprepara l-avukat tal-Kunsill.

**31/03/36** Is-Sindku għamlet referenza għax-xogħolijiet fi Triq Santa Katerina fejn hemm problema fuq ħitan tas-sejjieħ li kien waqà umbad kien reġa nbena umbad reġa waqa. Hi infurmat kif Infrastructure Malta kienu għamluh imma reġa waqà u issa hemm bennejja li qedin jgħamluh huma u din il-problema qed tiġi solvuta bla ħlas.

**31/03/37** Is-Sindku infurmat kif informalment kienet ressqet talba fuq is-Sa Demi li kienet irrappreżentat lill-Għargħur festival tal-mudellar ta' Malta. Hi kienet rebħet dan il-Festival u ser tkun qed tirrappreżenta lill-pajjiżna ġewwa l-Ġappun. Hi infurmat kif is-sena l-oħra l-Kunsill kien taha tifkira waqt il-*European Week of Sports* u spjegat kif, peress li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hi kif inhi, xtaqet terġa tressaq fuq il-mejda din it-talba sabiex il-Kunsill jgħati għotja ta' tifkira żgħ ira.

**31/03/38** Is-Sa Francesca Attard qalet kif hi ma kienitx issib oġġezzjoni dwar dan imma kien ikun aħjar jekk il-Kunsill isib *sponsor* għal din.

**31/03/39** Is-Sa Helen Gauci qalet kif issoltu kienet tingħata għotja żgħira li tiswa madear €20.

**31/03/40** Kien hemm qbil li dan jingħata.

**31/03/41** Is-Sindku infurmat kif bħas-snin preċedenti, il-Kunsill Reġjonali Lvant ser ikun qed iżur l-iskola tal-Primarja sabiex jgħati *starter pack pocket* lill-istudenti ta' l-ewwel sena nhar it-Tlieta 21 t'Ottubru 2025. Għal din ir-raġuni, hi talbet lill dawk kollha li jixtiequ jkunu preżenti għal din l-attività sabiex jieħdu nota ta' din id-data.

**31/03/42** Is-Sindku nfurmat kif waqt laqgħa li hi kellha mal-Kap ta' l-iskola tal-Primarja kellha l-opportunità li tara x'jistà jsir ta' kollaborazzjoni flimkien u ġie proposta sabiex fis-6 ta' Novembru 2025 tinżamm *Treasure Hunt.* Hi qalet li din mhux ser tkun qed tiswa flus lill-Kunsill u kif l-istudenti ser ikunu qed jitgħalmu aktar dwar il-kultura tal-Għargħur.

**31/03/43** Is-Sindku infurmat kif nhar it-22 t'April 2026 ser tkun qed tinżamm *Clean Up Day* li ser isir permezz ta' l-għajnuna mgħotija minn Project Green.

**31/03/44** Is-Sindku infurmat kif nhar id-29 ta' Mejju 2026 tinżamm il-festa ta' San Bert mat-tfal.

**31/03/45** Is-Sindku infurmat kif l-Esplora kienet bagħtet komunikat għall-Anzjanità Attiva u ma kinitx miftuħa għal kulħadd. Hi spjegat li l-*booking* kien fuq bażi ta' *first come first served* u kif din imtliet malajr. Is-Sindku spjegat kif reġgħet talbet li tkun miftuħa għall-aktar nies pero Esplora infurmawha b'attività oħra ma' Xjenza Malta. Hi qalet li s'issa l-amminsutrazzjoni kienet infurmta li ma kienx għad hemm *bookings* u ser tkun qed tiċċekja sabiex tara jekk kienx hemm xi żvilupp.

**31/03/46** Is-Sindku infurmat dwar laqgħa li kienet inżammet bejn il-Kuntrattur u l-Waste Manager tar-Reġjun Lvant fejn raw is-servizz li qed jingħata u d-diffikultajiet li qed ikun hemm fil-lokalità minħabba l-ġbir ta' l-iskart. Hi spjegat kif l-ewwel ħaġa li pproponiet kien li l-ħin tal-kollezzjoni tkun aktar tard filgħaxija imma dan ma kienx possibli minħabba l-overtime tal-ħaddiema.

**31/03/47** Is-Sa Helen Gauci qalet kif meta kienet ipproponiet hekk, il-Kuntrattur kien qallha li kien hemm problema bil-ħin tal-Wasterserv għax tkun leħqet għalqet.

**31/03/48** Id-DSE ikkonfermat dan li kienet qed tgħid is-Sa Gauci u spjegat kif ir-Reġjun kien kiteb bil-miktub lill-Wasteserv u kienu lesti li jistennewhom jidħlu bil-vetturi jbattlu l-ġabra.

**31/03/49** Is-Sa Meli spjegat kif l-kuntrattur kellu problema wkoll dawn l-overtime tal-ħaddiema u kif kien qed jibqa l-fatt li xorta kien qed ikun hemm numru sostanzjali ta' residenti li kient qed joħorġu l-borża taż-żibel minn filgħodu u kif sa xhin kienet qed jinġabar dan iż-żibel, ħafna toroq kienu qed ikunu mimlija boroż taż-żibel.

**31/03/50** Is-Sa Meli qalet kif waqt din il-laqgħa hi kienet staqsiet lill-kuntrattur jekk ġaladarba li ġabra taż-żibel terġa tkun filgħodu, hi staqsiet lill-kuntrattur jekk dan ikunx possibli.

**31/03/51** Is-Sa meli qalet kif il-Kuntrattur infurmaha li minn dak iż-żmien għal llum il-ġurnata l-kumpanija kienet investiet f'vetturi ġodda u permezz t'hekk wieħed minn dawn il-vetturi jistà jintuża biex issir il-ġabra filgħodu ġewwa Ħal Għargħur. Hi qalet kif din tistà ssir mid-9 ta' filgħodu 'l quddiem. Għal din ir-raġuni hi għamlitha ċara li jekk il-ftehim fuq il-ħin tal-ġabra għandu jibda fid-9 ta' filgħodu, ma jistax jiġi aċċettat li l-ġabra issir tard wara Nofsinhar peress li l-problema ma tkunx qed tiġi solvuta.

**31/03/52** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif il-kuntrattur ikkonferma li s-servizz jistà jingħata fid-9 ta' filgħodu bil-kundizzjoni li dan ma jinġabarax aktar tard mill-ħin maqbul u l-vann li hu żied ser ikun qed jiġi allokat għall-Għargħur u b'hekk l-iskeda terġa tiġi għall-filgħodu b'transizzjoni bil-mod.

**31/03/53** Is-Sa Gauci espremiet kif hi ma kinitx qed taqbel ma dan il-punt peress il-Gvern stress qiegħed jaħseb biex jaqleb il-ġbir ta' l-iskart domestiku għall-filgħaxija minħabba l-problema tat-traffiku u kif fl-opinjoni tagħha ma kienx qed jgħamel sens li l-lokalità terġa taqbleb għall-filgħodu.

**31/03/54** Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, staqsa jekk ġaladarba l-ġbir ta' l-iskart domestiku terġa tinqaleb għall-filgħodu, jekk hux ser ikun qed isir riklamar lin-nies sabiex jitwassal dan il-messaġ.

**31/03/55** Is-Sindku infurmat li notifikazzjonijiet ser ikunu qed jintbagħtu bl-għajnuna mir-Reġjun u kif ikun hemm kampanja.

**31/03/56** Is-Sindku semmiet ukoll kif qed ikun hemm diversi talbiet sabiex jitwaħħlu avviżi sabiex ma jkunx hemm rimi ta' żibel f'ċertu siti kif ukoll minħabba l-ħmieġli qed jitħalla tal-klieb. Għal din ir-raġuni, hi spjegat li qed jinġabru kwotazzjonijiet dwar dan u kif fil-ġranet li ġejjin kienu ser jitwaħħlu d-*doggy bins* li kienu ġew ordnati.

**31/03/57** Is-Sa Gauci tenniet mill-ġdid li hi ma kinitx qed taqbel li l-ġabra terġa tibda ssir filgħodu meta l-Gvern stess qed jinsisti li l-ġbir tal-lokalitajiet kollha jibda jkun filgħaxija. Hi qalet li kienet qed taqbel mal-proposta tal-Gvern peress li dawn il-vetturi kienu qed jikkaġunaw ħafna mill-problemi tat-traffiku li wieħed isib kull filgħodu. Hi qalet ukoll kif, fl-opinjoni tagħha, għandu jkun hemm diskussjoni sabiex il-ġabra issir iktar tard milli qed issir fil-preżent.

**31/03/58** Is-Sa Marilena Galea żiedet tgħid kif hawn residenti li ma jkunux leħqu waslu d-dar qabel is-6 ta' filgħaxija u l-ġabra qed tkun kmieni wisq.

**31/03/59** Is-Sa Francesca Attard qalet kif fl-opinjoni tagħha bis-sitwazzjoni kif kienet fil-preżenti, il-ġabra tal-żibel għandha tkun filgħodu u jekk il-ġabra ser tkun qed tibda mid-9 ta' filgħodu 'l quddiem, din m'għandhiex tkun ta' xkiel.

**31/03/60** Is-Sa Meli spjegat kif l-ewwel tentattiv tagħha kien li l-ġabra ssir aktar tard pero kif rat li ma kinitx ser tasal fi qbil, kien hemm diskussjoni u qbil li l-ġabra tibda fid-9 biex il-qofol tat-traffiku ikun leħaq għaddha u bill-patt u l-kundizzjoni li jkun hemm kampanja tajba.

**31/03/61** Is-Sa Meli infurmat li kien hemm anke diskussjoni fil-laqgħat tar-Reġjun fejn qed ikun hemm diversi problemi fuq il-kirjiet u fakret fis-servizz tal-Pulizija tal-Komunità sabiex tintalab l-assistenza tagħhom fejn jaraw li qed ikun hemm xi abbużi.

**31/03/62** Is-Sa Meli talbet deċiżjoni finali tal-Kunsill u talbet sabiex jittieħed vot u l-ġbir tal-boroż taż-żibel mid-djar ġewwa l-Għargħur tibda tinġabar mid-9 ta' filgħodu.

**31/03/63** Is-Sa Mariah Meli, is-Sa Francesca Attard u s-Sur Christopher Fenech ivvutaw favur filwaqt li s-Sa Helen Gauci u s-Sa Marilena Galea ivvutaw kontra. B'hekk din id-deċiżjoni għaddiet b'maġġoranza tal-voti.

**31/03/64** Is-Sa Meli infurmat kif il-lokalità għandhom problema bit-tiġieġ li qed ikun qed idur f'ċertu inħawi u qalet kif diversi residenti qed jilmentaw dwar din il-problema b'mod speċjali l-ħmieġ li qed iħallu meta tkun qed tinħareġ il-borża organika. Is-Sa Meli fakret lill-Kunsilliera sabiex dawk li jiltaqgħu ma residenti u jitkelmu dwar din il-problema, tajjeb li jfakkruhom li l-Kunsill jistà joffra kontenitur tal-plastik b'xejn fejn fih jistà jitpoġġa l-borża organika sakemm tinġabar.

**31/03/65** Is-Sa Meli qalet ukoll li apparti minn hekk hi kienet reġgħet għamlet kuntatt mas-sanità, l-Animal Welfare, Pulizija u anka mad-Dipartiment tas-saħħa.

**31/03/66** Is-Sa Meli infurmat kif reġgħet bdiet l-iskola u ġewwa l-Għargħur qed jerġa jkun hawn problema kbira tat-traffiku għaddej minn ġol-Għargħur u kif għal din ir-raġuni, hi qalet li bagħtet komunikazzjoni dwar dan lil Transport Malta u LESA biex ikun hemm aktar infurzar.

**31/03/67** Is-Sa Francesca Attard staqsiet jekk kienx hemm direzzjoni dwar Triq Birguma, dieħla lejn il-Għargħur.

**31/03/68** Is-Sa Meli infurmat li trid tiċċekja mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar peress li huma kellhom jgħamlu sleeping policeman fi Triq John Ayde. Hi infurmat li ser tkun qed tagħmel kuntatt mal-Kunsill tan-Naxxar biex tara jekk kienx hemm xi żvilupp issa li għaddietilhom il-festa wkoll.

## 31/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**31/04/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard. Għal din ir-raġuni, hi talbet li s-Sa Attard sabiex tressaq il-mistoqsijiet tagħha.

**31/04/02** Is-Sa Attard bdiet billi għamlet referenza għat-tabelli li għandhom isiru mill-Kunsill dwar l-iskart. Hi qalet kif kien hemm tabella fit-tieni Sqaq ta' Triq Charlotte. Kien hemm tabella f'dan il-post imsemmi pero r-residenti qed ipoġġu ż-żibel f'dan il-post u qed tħalli ħafna riħa.

**31/04/03** Is-Sindku infurmat li, hekk kif kienet semmiet fil-komunikazzjoni tagħha, il-Kunsill għandu bżonn jordna tabelli bħal dawn sabiex jiġi mwaħla madwar il-lokalità

**31/04/04** Is-Sa Marilena Galea staqsiet jekk kienitx inħarġet *Bye Law* mill-Kunsill Lokali dwar tqiegħed ta' ilma nadif wara li jitneħħa l-ħmieġ tal-klieb jew jekk ikun hemm pipi tal-klieb.

**31/04/05** Is-Sindku nfurmat li dik kellha tinħareġ *Bye Law* u ser tkun qed titlob lill-avukat tal-Kunsill sabiex jaħdem fuqha. Il-*Bye Law* ser tkun sabiex apparti li s-sidien tal-klieb ikollhom fuqhom boroż, ikollhom ukoll flixkun żgħir bl-ilma imħallat ma ftit diżinfettat.

**31/04/06** Is-Sa Attard għamlet referenza għat-talba tagħha sabiex jitpoġġa arblu tad-dawl f'Triq Birguma kantuniera ma' Sqaq l-Imnieqa.

**31/04/07** Is-Sa Meli qalet li din it-talba flimkien ma' talbiet oħra simili għadhom ser isiru peress li kien hemm ħlas ta' membership li ma kinitx ġiet imħalsa mill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikollu aċċess għas-*site map* bil-bozzoz li jinsabu fil-lokalità. Hi spjegat kif permezz ta' din is-sħubija l-Kunsill ikollu aċċess biex japplika b'xejn l-formoli ta' l-SLT għal perjodu ta sena, jgħatu kopja ta' *site plan* ta' l-Enemalta darbtejn fis-sena (bidu u nofs is-sena). Il-ħlas huwa t' €233 fis-sena u kienet ġiet imqajma fiċ-chat tal-Kunsill sabiex din tiġi mħalsa immejatament biex b'hekk dawn ir-rapporti fuq il-bozzoz setgħu jsiru.

**31/04/08** Is-Sa Francesca Attard għamlet għal gandott li kien jinsab fi Triq il-Madliena u li kienet perikoluża u hemm bżonn li titpoġġa gradilja.

**31/04/09** Is-Sindku infurmat kif hi kienet daħlet applikazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi biex jgħamlu din il-gradilja pero ma kienitx ingħatat tweġiba lura. Madanakollu hi qalet kif kien

hemm ukoll periklu fejn *Top of the World* fejn diversi ħitan kien waqà. Hi qalet kif il-ħitan sar pero din l-applikazzjoni sabiex issir gradilja daħlita wkoll u ser tkun qed tara jekk saritx jew meta ser issir.

**31/04/10** Is-Sa Francesca Attard għamlet referenza għall-arblu tad-dawl fi Triq Vjal ir-Repubblika.

**31/04/11** Is-Sur Christopher Fenech fakkar ukoll fl-arblu tad-dawl fi Sqaq il-Ħoffra u din kellha biss li tiġi mqabda.

**31/04/12** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera jerġgħu jgħaddu dawn it-talbiet relatata ma' l-arbli ta' l-Enemalta peress li d-DSE kienet reġgħet irritornat u ma kelliex din l-informazzjoni biex naraw li l-applikazzjonijiet jiġu kollha sottomessa.

**31/04/13** Is-Sa Attard qalet kif hi kienet ġiet avviċinata minn persuna li tiffrekwenta Triq Għaxqet l-Għajn (fil-biċċa mħarbta) u spjegat kif qed ikun hemm problema b'dawk il-persuna li qed jgħamlu użu ta' roti u li qedin jgħaddu b'veloċità qawwija u qed ikunu ta' periklu għal dawk li jkunu qed jgħaddu mill-istess Triq bil-mixi. Hi żiedet tgħid ukoll li din il-problema qed tkun ukoll fil-parti taż-Żellieqa u għal din ir-raġuni talbet sabiex il-Kunsill jara jekk jistgħux jitpoġġew *bollards* biex tkun pedonali.

**31/04/14** Is-Sa Helen Gauci ġibdet l-attenzjoni li s-sit fejn kienet qed issemmi s-Sa Attard ser tkun problematika għal dawk li għandhom bżonn aċċess għall-għelieqi.

**31/04/15** Is-Sindku qablet mal-punt imressaq mis-Sa Gauci u spjegat kif lilha kienu avviċinawha tal-għelieqi wkoll u spjegat kif żoni li huma mmarkata bħala pedonali, ħadd ma jistà jidħol u b'hekk qed ikun hemm problema għal dawn in-nies li jridu jidħlu u qed jispiċċaw jaqilaw multa.

**31/04/16** Is-Sa Attard u s-Sa Gauci issuġġerixxu li t-tabeli li juri fejn ser tibda ż-żona pedonali għandha tiġi mressqa aktar 'il ġewwa, mill-fortizza 'l ġewwa.

**31/04/17** Is-Sa Marilena Galea staqsiet jekk il-Kunsill Lokali jistax jgħin lil dawk li qalaw dawn iċ-ċitazzjonijiet peress li teknikament, parti mit-tort kien tal-Kunsill ukoll.

**31/04/18** Is-Sa Meli qalet li aktarx ma jistax jsir hekk peress li t-tabelli kienu hemm meta nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet.

**31/04/19** Is-Sa Francesca Attard infurmat kif meta kien ser jibda jsir ix-xogħol ta' restawr fuq il-*Victoria Lines* fi Triq Għaxqet l-Għajn kien hemm kamera tal-LESA li kienet inqalet u ma reġgħetx ġiet imwaħla. Għal din ir-raġuni hi talbet sabiex il-Kunsill jerġa jressaq talba sabiex din il-kamera terġa tiġi mwaħħla u l-Kunsill jikkonferma mal-LESA jekk din u l-oħra li għadha mwaħla għadhomx jaħdmu. Hii ppproponiet ukoll sabiex titpoġġa tabella li ma jitħallewx jidħlu nies bir-rota minħabba l-periklu li qed jinħoloq lin-nies li jkunu għaddejjin bil-mixi.

**31/04/20** Is-Sindku ppproponiet sabiex ikun hemm *bike lane* meta jsir il-proġett f'din iż-żona u sadanittant jitpoġġew tabelli bħal '*slow down'*.

**31/04/21** Kien hemm qbil dwar dan.

**31/04/22** Is-Sa Meli semmiet ukoll kif dwar il-proġett ta' Għaxqet l-Għajn, il-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit u kien hemm *deadline* sabiex jsir rapport mis-surveyor.

**31/04/23** Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk kienx hemm indikazzjoni dwar meta ser jsiru s-*sleeping police* fi Triq Santa Katarina.

**31/04/24** Is-Sa Meli infurmat kif dawn kienu ordnati.

**31/04/25** Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva ittra mis-sotto kumitat ta' l-anzjani peress li kienu kelmuha dwarha.

**31/04/26** Is-Sa Meli kkonfermat li l-Kunsill kien irċieva ittra mis-sotto kumitat ta' l-anzjani u ser tkun qed titressaq aktar tard matul din il-laqgħa.

**31/04/27** Qabel ma l-laqgħa tkompliet fuq l-*items* li kien hemm fuq l-aġenda, is-Sindku talbet lis-Sa Marilena Galea tispjega l-iżbal li kienet sabet fil-minuti numru 29.

**31/04/28** Is-Sa Marilena Galea ġibdet l-attenzjoni dwar punt numry 29/03/20 fejn kien hemm miktub li "din il-persuna ltqagħet mal-membri kollha tal-Kunsill". Hi spjegat li ried ikun hemm miktub kif "din il-persuna ma ltaqgħatx mal-membri kollha tal-Kunsill".

**31/04/29** Is-Sa Christopher Fenech xtaq jgħamel korrezzjoni wkoll dwar punt 29/03/026 fejn kien hemm miktub – "Is-Sur Fenech jergha jikkonferma li l-kunsill kien qabel li t-torri jghadduh f'idejn din il-persuna. Li ghandu hafna radjijiet, jinfetah bhala muzew u li din il-persuna jhallas il-kontijiettad-dawl u ilma." Is-Sur Fenech spjega li l-Kunsill qatt ma tah fidejh imma biex jgħamel użu minnu.

**31/04/30** Is-Sa Meli fakkret lill-kunsilliera li dawn il-minuti kienu miktubin mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti u mhux mid-DSE.

**31/04/31** Id-DSE infurmat kif dawn il-korrezzjonijiet ser ikunu qed jiġu mniżżla fil-minuti ta' din il-laqgħa li jkunu ppreżentati għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**31/04/32** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dawn il-korrezzjonijiet.

## 31/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

**31/05/01** Is-Sindku infurmat kif ir-rapporti tal-finanzi kienu ġew approvata fil-bidu ta' din il-laqgħa u kif ma kienx hemm aktar rapporti x'jiġu diskussa waqt din il-laqgħa.

**31/05/02** Is-Sindku infurmat kif The Village Store kien qed jerġa jitlob il-parkeġġ ta' *un/loading bay* u hi infurmathom li din it-talba kienet diġa għaddiet f'laqgħa tal-Kunsill u kif din ma kinitx ġiet

approvata pero infurmathom kif din kienet ser terġa tgħaddiha f'din il-laqgħa u fakret li din ma kinitx ġiet approvata minħabba li qedha f'Triq prinċipali u ftemu li din il-prassi tinżamm.

**31/05/03** Is-Sa Helen Gauci qalet kif il-Kunsill qatt ma taha l-approvazzjoni għal dawn it-tip ta' parkeġġi ħlief lill-ħanut tal-Convenience li kien ingħata minn TM u mhux mill-Kunsill Lokali.

**31/05/04** Is-Sa Mariah Meli infurmat kif il-Kunsill kien irċieva talba sabiex ħdejn Triq Excelsior hemm gym li jgħamlu użu minnu persuni li għandhom *physical impairment* u ma jkunux jistgħu jipparkjaw 'il bogħod. Għal din ir-raġuni hi talbet għall-approvazzjoni sabiex issir *communal bay* f'din it-Triq.

**31/05/05** Il-Kunsilliera espremew li diġa kien hemm problema kbira ta' parkeġġ f'din iż-zona.

**31/05/06** Is-Sindku qalet ukoll li bħal din it-talba kellha talba oħra simili minn residenti oħra fi Triq San Bartilmew u staqsiet x'ser jiġri.

**31/05/07** Is-Sa Gauci fakret kif f'din iż-żona diġa kien hemm żewġ *communal bays* oħra.

**31/05/08** Is-Sa Attard fakret fil-*communal bay* li kellha titressaq peress li kellha timxi l-*bus stop* għal Triq San Bartilmew.

**31/05/09** Is-Sindku infurmat li kienet ser tiċċekkja fiex kienet waslet il-*Bus Stop*.

**31/05/10** Wara diskussjoni qasira bejn il-Kunsilliera dwar din it-talba kien hemm qbil li ma kienx hemm raġuni għalfejn tiżdied *communal bay* oħra peress li kien hemm oħrajn fil-viċinanza.

**31/05/11** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera kif il-Kunsill għandu bżonn jirrevedi l-ħinijiet fejn iż-żona Ta' Xwieki skond il-pjan maħruġ minn Transport Malta u kif il-Kunsill kien qed jistenna t-tender u kif hemm bżonn ta' speed camera fi Triq tal-Balal.

**31/05/12** Is-Sur Chris Fenech spjegat il-periklu li r-residenti qed ikollhom ta' kuljum biex ir-residenti u kull min jgħamel użu minn din it-Triq biex joħroġ mill-Għargħur għal Triq il-Balal (minn wara ta' McDonalds).

**31/05/13** Is-Sa Marilena Galea spjegat li dan l-istess periklu qiegħed ukoll meta wieħed joħroġ minn ħdejn id-djar ta' l-anzjani tan-Naxxar, Golden Care.

**31/05/14** Is-Sa Mariah Meli għamlet referenza għal Sqaq il-QIegħed fejn saret talba sabiex ikun hemm reviżjoni fuq il-parkeġġ. Is-Sa Meli spjegat kif hemm problema speċjalment kif ma hemmx tabelli u lanqas linji sofor. Hi qalet kif minħabba dan in-nuqqas u peress li kulħadd dejjem qiegħed jiskopri b'żoni fejn jistà jipparkjaw il-vetturi, qed ikun hemm problema għar-residenti li joqgħodu hawn biex joħorġu minn dan l-isqaq. Hi talbet lill-Kunsill sabiex bl-approvazzjoni tagħhom titressaq talba lil Transport Malta sabiex issir reviżjoni tal-parkeġġ għal din iż-żona.

**31/05/15** **Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsilliera preżenti.**

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**31/05/16** Is-Sa Meli għamlet referenza għal Triq Karmnu Zarb fejn hemm U-Bar kif wieħed joħroġ mill-Oratorju. Hi spjegat kif aktarx dan kien sar bħala protezzjoni għal meta t-tfal joħorġu mill-Mużew u kif quddiemu kien hemm kaxxa bajda għal parkeġġ.

**31/05/17** Is-Sa Meli spjegat kif il-karozza qed tipparkja l-barra minn din il-U-Bar sabiex il-karozza tkun tistà tiftaħ il-bieba biex toħrog jew inkella l-vettura li tkun ipparkjata f'din il-kaxxa qed tkun viċin tal-garaxx u qed tostakola l-garaxx li hemm biżwit din il-U-Bar. Hi spjegat kif din il-U-bar m'għandhiex titneħħa u ppproponiet sabiex din il-kaxxa tinqaleb għal MCs.

**31/05/18** Is-Sur Christopher Fenech qal li mutur faċilment jistà jipparkja f'din il-kaxxa u allura ppropona li minflok jitnaqqas parkeġġ, il-Kunsill jitkellem mal-Kapillan u jesplora l-possibilità li din il-U-Bar tkun simili bħal dik li hemm fejn il-grawnd tal-futball sabiex din titpoġġa kull darba li jkun hemm id-duttrina biss.

**31/05/19** Is-Sa Gauci qablet mas-Sur Fenech li din tistà tkun bħal ma hemm fejn il-grawnd tal-futbol.

**31/05/20** Is-Sa Marilena Galea qablet mas-Sur Fenech ukoll speċjalment peress li d-dutrina tkun biss darba f'ġimgħa.

**31/05/21** Is-Sa Meli għamlet referenza għal Triq Għaxqet l-Għajn, in-naħa ta' l-*open air gym*. Hi spjegat fejn kif kien hemm il-bollards li jwaqqaf vetturi mill-jibqgħu deħlin, u għamlet referenza għall-isqaq fejn ma hemm l-ebda indikazzjoni li turi li l-isqaq jgħati għal għalqa u tistà tkun qed tibblokka dan l-isqaq. Minħabba f'hekk hi spjegat kif in-nies qed jispiċċaw jidħlu fl-għalqa biex idawru u qed ikun hemm kunfużjoni. S-Sa Meli qalet ukoll li ma tistax tkun żona pedonali peress li umbad ma tkunx aċċessibli għal min irid jidħol fl-għalqa.

**31/05/22** Kien hemm qbil sabiex issir tabella 'T' fil-bidu ta' l-isqaq.

**31/05/23** Is-Sa Meli għamlet referenza għal Sqaq Warda, viċin fejn kien hemm l-ispiżerijja, u spjegat kif kien hemm tabelli li jgħidu li din iż-żona kienet għar-residenti biss. Hi infurmat li skond hi, l-Kunsill qatt ma kien inħareġ permess biex ikun hemm dawn it-tip ta' tabelli.

**31/08/24** Kien hemm qbil sabiex l-Kunsill jitkellem mar-resident ikkonċernat sabiex din it-tabella tkun imwaħla aktar 'il ġewwa.

**31/08/25** Is-Sindku aġġornat lill-Kunsilliera li l-ħasil qed isir u l-*culverts* ġew imnaddfa, u kif permezz tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Cleansing Department il-Kunsill qed jipprova jdur il-ħitan tas-sejjieħ u żoni li kienu ftit mitluqa.

**31/08/26** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand l-ammintrazzjoni tal-condominium ta' flats fi Triq Caravaggio fejn ressqu talba sabiex titpoġġa mera biżwit l-propjeta tagħhom.

**31/08/27** Is-Sa Helen fakret li jekk din il-mera hija għall-użu tagħhom, din għandha ssir minnhom stess.

**31/08/28** Is-Sa Meli spjegat fejn kien il-post eżatt u kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti kif f'dan il-każ il-mera tistà ssir mir-residenti.

**31/08/29** Is-Sa Meli għamlet referenza għal siġra li qed tibblokka tabella tal-*one way* u kif il-Kunsill ilu xhur jitlob lis-sid sabiex jieħu ħsieb jiżbor din is-siġra. Hi spjegat kif intbagħtet ittra lis-sid kif ukoll mar il-Pulizija tal-Komunità biex jaraw li din tinżabar. Hi qalet ukoll kif fil-frattemp din qed tkun ta' periklu.

**31/08/30** Is-Sa Gauci insistiet li jmur il-Pulizija u jaraw li din tinqata mis-sid peress li din kienet privata u m'għandhiex għax titneħħa mill-Kunsill u jieħu l-ispiża hu.

**31/08/31** Is-Sa Marilena Galea issuġġeriet li titmexxa t-tabella.

**31/08/32** Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jerġgħu jmorru jkelmu lis-sid.

**31/08/33** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera kif il-Kunsill kien informa lid-DSE sabiex issiru sottomissjonijiet tal-ismijiet li l-Kunsill kien iddeċieda li jinnomina għall-Prempju ta' Anzjanità Attiv. Hi infurmat kif kif għal Premju Innovazzjoni u Teknoloġija fl-Anzjanità, il-Kunsill kien innomina lis-Sa Theresa Gauci, pero hi ma kinitx ħasset li tamalgama ma' dan is-settur imma kienet iktar tamalgama mas-settur kulturali. Pero tal-Kultura, il-Kunsill kien diġa ressaq nominazzjoni oħra u kien ġie approvat is-Sur Raymond Aquilina.

**31/08/34** Is-Sindku kompliet tispjega kif il-kunsill kien innomina lis-Sur Bertu Camilleri għall-Premju Anzjanità Sportiva - Bertu Camilleri, lis-Sur Alfred Muscat għall-Premju Volontarjat fl-Anzjanità, u lis-Sur John Camilleri għall-Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali.

**31/08/35** Is-Sindku infurmat ki nNhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni dwar SPI/SCI/08/2025 - Espressjoni ta' Interess – Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera - Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta' Kura tat-Tfal (Childminding) u nfurmat kif din kienet ġiet approvata l-applikazzjoni sottomessa. Il-Kunsill ser ikollu €2,400 (VAT inkluż) allokat għal din l-iskema. Tmenin fil-mijja mis-somma ser tkun qed tingħata bil-quddiem u l-bilanċ mal-għeluq is-sena skont dokumentazzjoni ppreżentata.

**31/08/36** Id-DSE fakkret li meta kienet inkitbet din l-applikazzjoni, il-Kunsill kien avviċina *childcare* li tinsab ftit metri 'l bogħod mill-uffiċċju tal-Kunsill u talbet sabiex ikollha direzzjoni dwar kif il-Kunsilliera li jixtiequ jgħamlu użu minn din l-iskema.

**31/08/37** Kien hemm qbil sabiex jitkelmu bejn dawk il-Kunsilliera li għandhom it-tfal u jgħatu direzzjoni dwar x'ser jiġi deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**31/08/38** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kif fil-bidu ta' Settembru dan il-Kunsill irċieva ittra datata 3 ta' Settembru 2025 minn residenta li kienet qed tikteb din l-ittra f'isimha u tliet membri oħra li qedin fis-Sotto Kumitat tal-Qasam Soċjali/Anzjani. Għal din ir-raġuni s-Sa Meli qrat din l-ittra.

**31/08/39** Is-Sa Meli talbet lis-Sa Francesca Attard tgħaddi l-kummenti tagħha dwar din l-ittra peress li hi kienet responsabbli minn dan is-sotto kumitat.

**31/08/40** Is-Sa Attard spjegat kif minn Mejju 2025 sa dakinhar kienu nżammu biss żewġ laqgħat u bħala attendenza kienu biss żewġ persuni, hi flimkien mas-Sur Chalie Dimech. Hi spjegat kif kworum ma kienx qed jintleħaq u għal din ir-raġuni ma setgħux isiru laqgħat. Qalet ukoll kif bħala attività kienet inżammet waħda biss li kienet inżammet f'Mejju u kif f'Ġunju kien hemm ħarġa għall-Għ awdex. Reġgħet spjegat kif għalkemm kulhadd kien infurmat b'din il-ħarġa, xorta waħda dawn mattendewx.

**31/08/41** Is-Sindku staqsiet jekk dawn il-membri kienux jinfurmaw bl-attendenza tagħhom qabel il-laqgħat.

**31/08/42** Is-Sa Attard qalet kif jew ikunu nesew jew ma kienux jattendu.

**31/08/43** Is-Sa Helen Gauci qalet kif dawn in-nies kienu qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill kollu.

**31/08/44** Is-Sa Meli qalet li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni sabiex tinżamm din il-laqgħa u data u ħin setet tiġi stabillita bil-kwiet wara din il-laqgħa.

**31/08/45** Is-Sa Gauci qalet li din setgħet tiġi diskussa wara u ssuġġeriet sabiex il-laqgħa tinżamm qabel ma tibda l-laqgħa uffiċċjali tal-Kunsill li jkun imiss.

**31/08/46** Is-Sa Attard qalet li dawn in-nies li qedin fis-sotto kumitat kienu anke talbu għall-Baġit u kif kienu ġew infurmati li ma kienx hemm baġit allokat minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

**31/08/47** Is-Sa Meli xtaqet tagħmel kjarifika fuq il-bibita li kienet marbuta mal-festa li għaddiet u spjegat kif din kienet ġiet diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill u kien hemm qbil li minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, l-invit kien ser jinħareġ lill-President u Segretarju ta' kull għaqda, flimkien ma' eks-Kunsilliera.

**31/08/48** Is-Sa Gauci qalet kif dakinhar kienet ħasra kif kien baqa dak l-ikel kollu.

**31/08/49** Is-Sa Meli qalet kif dan il-punt seta ġie mqajjem dakinhar li din ġiet diskussa waqt il-laqgħa.

**31/08/50** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-attività li ser tinżamm fl-14 t'Ottubru ser tinżamm wara nofsinhar u saret biex kulħadd ikun jistà jattendi.

**31/08/51** Is-Sa Marilena Galea qalet kif dawn l-attivitajiet kellhom jiġu diskussa bejniethom bħala Kunsill u naraw li bħala idea qed tintoġob minn kulħadd. Hi qalet kif ma setatx tifhem x'kien qed jiġri u li hi kienet neħħiet din ir-responsabilità peress li l-laqgħat kienu qed jinżammu filgħodu u ma kienitx tkun tistà tattendi dak il-ħin minħabba x-xogħol.

**31/08/52** Is-Sa Francesca Attard qalet kif dejjem hekk kien sar fejn jiġu għal ideat fuq l-attivitajiet. Hi qalet ukoll kif għalkemm għaliha wkoll kienet diffiċli li l-laqgħa tinżamm filgħodu xorta waħda kienet tirranġa biex din tkun tistà tinżamm filgħodu. Hi qalet kif il-problema bl-attendenza bdiet minn Mejju ta' din is-sena 'l hawn, wara li kien hemm bdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill.

**31/08/53** Is-Sa Gauci sostniet li dawn l-argumenti għalxejn kienu qed jiġu diskussa u li wieħed irid jitkellem u jfihem dan kollu meta tinżamm din il-laqgħa magħhom.

**31/08/54** Is-Sa Meli qalet li hi qrat l-ittra u xtaqet tisma l-kummenti tal-persuna li hija responsabbli minn dan is-sotto kumitat. Hi żiedet tgħid li talba biex tinżamm laqgħa qed tissejjaħ mis-Sa Gauci u ma kinitx imsemmija fl-ittra li kienet għadha kemm qrat lil kulħadd.

**31/08/55** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif fl-avvenimenti l-Kunsilliera mhux qed ikunu preżenti kollhu, għalkemm ma kinit qed tobbliga lil ħadd, pero anke attivitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru ta' dik il-persuna ma kinitx qed tattendi. Hi spjegat li tifhem li dak li jkun jistà jinqalalu xi ħaġa fl-aħħar minuta pero tajjeb li wieħed jinforma wkoll.

**31/08/56** Is-Sa Meli qalet ukoll kif hi flimkien ma' Francesca Attard għandhom id-dekasteru ta' l-attivitajiet. Hi qalet ukoll kif l-attività ta' 'Lejla Flimkien' u l-'Afternoon Tea' ħa jsiru mid-dekasteru ta' l-attivitajiet u għamlet din id-distinzjoni sabiex l-affarijiet ikunu ċari.

**31/08/57** Is-Sa Attard qalet kif jekk is-Sinjuri xtaqu jirriżenjaw, ma kienx hemm x'wieħed jistà jgħamel u ma xtaqitx l-attivitajiet jieqfu.

**31/08/58** Is-Sindku reġgħet spjegat li wara li l-Kunsill irċieva din l-ittra, il-persuna ikkonċernata kellha tispjega l-pożizzjoni minn naħa tagħha, kif ukoll fakret li l-istedeniet għall-bibita tal-festa kienet

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

bi ftehim bejn kulħadd li kien preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill, u kif l-attivitajiet li kienu nżammu, kienu nżammu mid-dekasteru tal-attivitajiet u mhux mis-sotto kumitat ta' l-anzjani.

**31/08/59** Is-Sa Gauci qalet kif lilha infurmawha li dawn in-nies kienu qed jiġu notifikati bil-laqgħa siegħa qabel ma kienet ser tinżamm il-laqgħa.

**31/08/60** Is-Sa Meli waqfet id-diskussjoni u għalqet billi infurmat li kienet ser tkun qed tiġi msejħa laqgħa ma' dawn in-nies sabiex il-punti mqajma jiġu diskussa.

**31/08/61** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera kif nhar it-Tnejn 8 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand resident fi Triq San Gwann dwar problema ta' parkeġġ. Is-Sa Meli qrat il-komunikazzjoni u wriet ir-ritratti li kienu mehmuża. Hi infurmat kif il-Kunsill talab direzzjoni mingħand Transport Malta fejn informa li fejn hemm garaxx ikun hemm metru. Il-Kunsill ser jemenda kif inhu mitlub.

**31/08/62** Is-Sindku nfurmat kif nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Surġent Agius sabiex jiġbed l-attenzjoni dwar il-parkeġġ ħażin fuq linji doppji li jinsab fi Triq Fidiel Zarb, Għargħur. Għal dan il-għan qed jiġi propost li jitoġġew tabelli ta' *speed limit* ta' tletin u tabella li turi li t-Triq tagħlaq bil-limitu tal-vetturi kbar peress li xorta waħda qedin jidħlu ħafna trakkijiet ta' l-ilma minħabba l-pools.

**31/08/63** Il-Kunsilliera qabel sabiex jitpoġġew it-tabelli msemmija.

**31/08/64** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Direttorat tal-*Life long Learning* fejn informa lill-Kunsill li l-kors tal-Ganutell MQF Level 1 mhux ser ikun qed jinżamm ġewwa l-Għargħur peress li ma kienx hemm biżżejjed interess.

**31/08/65** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Daniel Spiteri Belcher sabiex jistaqsi l-proċeduri li huma marbuta biex titpoġġa vending machine li tbiegħ energy drinks.

**31/08/66** Kien hemm qbil li tintalab aktar informazzjoni mingħand Is-Sur Spiteri Belcher dwar il-ħsieb li għandu.

**31/08/67** Is-Sindku infurmat kif nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 dan il-kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025. L-applikazzjoni instabet eleġibbli għall-finanzjament u ser ikunu qed isiru l-preparamenti neċessarji.

**31/08/68** Is-Sa Meli infurmat kif, minħabba l-qagħda finanzjarja, hi kienet diġa ġibdet l-attenzjoni ta' l-amminsitrazzjoni li din l-iskema mhux ser tkopri l-ispejjeż kollha ta' l-attività. Għal din ir-raġuni, hi infurmat li ser isir riviżjoni ta' l-ispejjeż.

**31/08/69** Is-Sa Meli infurmat kif nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025, dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand Jumpei li joffri *dance fitness class*.

**31/08/70** Is-Sa Gauci infurmat kif filwaqt li ma ssib l-ebda oġġezzjoni dwar dan, l-importanti li dak li jgħamel hu ma jkunx l-istess bħal dak li diġa qed isir.

**31/08/71** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand l-OHSA dwar l-inspezzjoni li ssir fuq il-lift bil-binja tal-Kunsill. Hi qalt li l-Kunsill għandu jinfurmhom li l-lift mhux jaħdem u rridu naraw x'jistà jsir.

**31/08/72** Is-Sindku infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva r-rapport ta' kull xahar mingħand l-*Mechanical Engineer* li jinspezzjona l-bandli u ġibed l-attenzjoni dwar xi nuqqasijiet li sab li huma ta' periklu għal min jgħamel użu minnu. Għal din ir-raġuni l-uffiċċju talab kwotazzjoni miongħand Opal Malta u ġiet imressqa f'din il-laqgħa.

**31/08/73** Is-Sindku fehmet l-kwotazzjoni preżentata u x-xogħol li hemm bżonn isir u kien hemm qbil fuq ix-xogħol li għandu jsir.

**31/08/74** Id-DSE infurmat lill-Kunsill dwar komunikazzjoni li kien irċieva mingħand il-Kunsill Reġjonali Lvant fejn ġibdu l-attenzjoni li kien hemm żball ta' pagament imħallas doppju u għal din ir-raġuni l-Kunsill kien qed jiġi mitlub sabiex jirrifondi dan l-ammont lura lir-Reġjun.

**31/08/75** Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 31/06 Mozzjoni - Mozzjoni għad-Devoluzzjoni ta' Art marbuta mar-Riżervatur tal-Ilma fi Triq il-Mitħna, Ħal Għargħur

**31/06/01** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda din il-mozzjoni li kienet ġiet imressqa mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sekondata mis-Sindku, is-Sa Mariah Meli.

**31/06/02** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, qrat il-mozzjoni.

**31/06/03** Is-Sa Meli spjegat kif din il-mozzjoni qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jistà jressaq talba lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex dan ir-riżervatur jiġu devolut lill-Kunsill. Hi fakret kif il-ħlas marbut kien ġie mnaqqas skond komunikazzjoni riċenti.

**31/06/04** Is-Sa Gauci staqsiet jekk l-ilma jkunx jistà jintuża mill-Kunsill għat-tisqija u ħasil.

**31/06/05** is-Sa Meli spjegat kif l-ewwel irid ikun hemm tindifa sew tiegħu umbad jistà jkun hemm reġenerazzjoni tal-ilma.

**31/06/06** is-Sa Attard żiedet tgħid li jistà jkun hemm il-possibilità li jsir *community garden* fejn in-nies ikunu jistgħu jiltaqgħu b'mod edukattiv.

**31/06/07** Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu ma' din il-mozzjoni.

## 31/07 Kuntratti, Tenders u MOUs

**31/07/01** Is-Sa Meli infurmat kif hi flimkien mas-Sur Christopher Fenech u s-Sa Helen Gauci huma l-membri fuq l-bord ta' l-evalwazzjoni tat-tender GLC/01/2025 - Tender for the provision and maintenance of traffic signs and road markings with maximised lifespan while minimising associated environmental impacts for the Għargħur Local Council. Hi infurmat kif l-orħos kien B. Grima.

**31/07/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dan ir-rapport.

**31/07/03** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jikri servizz ta' van għal perjodu ta' erbgħa xhur.

**31/07/04** Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li kienet provduta minn Hertz Leasing.

**31/07/05** Is-Sindku infurmat li kien hemm xi nies li bdew jistaqsu jekk is-servizz hux ser jieqaf u xtaqet tagħmilha ċara li dan is-servizz mhux ser jieqaf jiġi offrut lill-anzjani

## 31.8 Postijiet Vakanti

- ***Sejħa biex timtelà pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**31/08/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill qed jistenna mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex terġa tinħareġ din is-sejħa.

- ***Clerk, Scala 15, Part Time***

**31/08/02** B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sa Meli infurmat kif din reġgħet inħarġet u s-sejħa ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2025.

## 31/09 Attivitajiet

**31/09/01** Is-Sa Meli talbet lis-Sa Francesca Attard tagħti aġġornament fuq l-attività għat-tberik ta' l-annimali u l-attivita għal Haloween.

**31/09/02** Is-Sa Attard infurmat kif it-tberik ta' l-annimali ser isir nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru peress li loġistikament kellha tinbidel id-data. Hi spjegat kif kien ser ikun hemm purċissjoni biż-zwiemel bħal ma kien sar fis-snin preċedenti, minn ħdejn iċ-ċimiterju sa ħdajn l-oratorju, fejn umbad isir it-tberik.

**31/09/03** B'referenza għall-avveniment ta' Halloween, is-Sa Attard infurmat kif din is-sena l-attività ser tkun mifruxa fuq jumejn, il-Ħamis 30 u l-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2025. Hi infurmat li hemm team tajjeb fuq loġistika li qed jaħdem tajjeb ħafna.

## 31/10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**31/10/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**31/10/02** Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni fuq il-pagament ta' l-ARMS wara li kien sar ftehim biex il-kont pendenti jitħallas pagament fix-xahar.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**31/10/03** Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda ta' pagamenti Numru 20.

**31/10/04** Il-mozzjoni ġiet approvata.

## 31/11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**31/11/01** Il-laqgħa spiċċat fis-19:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru fil-5:30p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**